WIRT IŻ-ŻEJTUN



# BIEX INŻOMMUK INFURMAT

Marzu 2012 Ħarġa Nru. 4

## Aħbarijiet fil-Qosor

- Nhar il-Ħadd, 29 ta' Jannar saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' Wirt iż-Żejtun li fiha ingħatat ħarsa dettaljata lejn x'għamilna u x'wettaqna matul is-sena li għaddiet. Il-Laqgħa Ġenerali ħatret lis-Sinjorina Tracey Ann Cumbo bħala Segretarja Ġenerali ta' Wirt iż-Żejtun wara ir-reżenja ta' Dr Malcolm Borg. Wara li għalqet il-Laqgħa Ġenerali Annwali tqassmu numru ta' ċertifikati li membri fundaturi ta' Wirt iż-Żejtun.
- Wara laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija ta' Wirt iż-Żejtun ġie deċiż li is-simpożju li kien qiegħed jiġi ippjanat dwar il-Villa Rumana u siti arkeoloġiċi oħra fiż-Żejtun, li kellu jsir fis-17 ta' Marzu, ikun pospost għal data oħra aktar tard matul din is-sena. Dan minħabba li kull applikazzjoni li saret għall-fondi sa biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjes ġew miċħuda. Minkejja li ippruvajna wkoll infittxu għajnuna permezz ta' sponsorhips, hawnekk ma sibniex l-għajnuna li xtaqna.
- Fil-jiem li għaddew, grupp ta' professuri mill-Universita' ta' Palermo, flimkien ma' uffiċċjali mill-Comune di Ragusa żaru iż-Żejtun. Huma ġew imdawwra minn uffiċċjali ta' Heritage Malta waqt mawra ta' ġurnata li kellhom wara laqghat hawn Malta. Waqt il-mawra tagħhom fiż-Żejtun, l-akkademiċi Sqallin żaru il-Parroċċa l-Qadima ta' Santa Katarina (San Girgor), l-Oratorju tas-Sagrament u il-Parroċċa l-Kbira. Huwa il-ħsieb ta' dawn l-akkademiċi li jinkludu dawn il-binjiet bħala parti mill-istudji ta' dan il-proġett. B'hekk ser ikunu qed jerġgħu iżuru dan il-bini aktar tard matul is-sena.



## Mitt Sena Anniversarju




**Il-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira minn dejjem kienu għall-qalb iż-Żwieten, dan jidher biċ-ċar minn dak kollu li ħallew missirijietna fil-wirt sagru li għandna fil-parroċċa.**

Bla dubju ta' xejn l-akbar wirt insibuh fis-sett ta' vari li għandna kif ukoll dak kollu marbut ma' l-armar tagħhom. Fis-sett tal-vari li insibu fiż-Żejtun hemm xogħol ta' artiġġjanat mill-isbaħ, mod speċjali fix-xogħol ta' l-injam. Hawnekk irridu insemmu l-interzjar fl-injam li jzejjen mhux biss bosta mill-bradelli li insibu taħt il-vari iżda wkoll is-slaleb ta' l-anġlu ta' l-Ort kif ukoll dak tar-Redentur.

Is-Salib interzjat tar-Redentur din is-sena jaqgħlaq mitt sena minn meta nħadem. Għal din l-okkażjoni Wirt iż-Żejtun ser jorganizza intervista pubblika ma' l-artiġġjan u restawratur Żejtuni Vince Abela, li kien propju hu li skopra id-data fuq is-salib stess li turi meta inħadem dan is-salib u min ħadmu. F'din l-intervista ser nisimgħu aktar dwar dan l-artiġġjanat li jżejjen il-vari tal-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun.

INTERVISTA PUBBLIKA MA'
**VINCE ABELA**
**DWAR L-ARTIĠĠJANAT TA' L-INTERZJAR**
29 TA' MARZU 2012 FIS-7:15PM
FIL-KNISJA PARROKKJALI TAŻ-ŻEJTUN

## *Editorjal:* X'jimpurtani!

Il-ħajja tal-llum hija waħda ferm magħġla. Barra ix-xogħol li minnu naqilgħu il-ħobża ta' kuljum, għandna elf ħaġa oħra ma xhiex inħabblu rasna. Min mhux mitluf fl-inkwiet tat-tfal forsi mgħobbi bil-piż tal-ġenituri anzjani. Minn ħaġa għal oħra u l-arloġġ idur u ż-żmien għaddej.

B'din l-għaġla kollha ftit li xejn qed ikollna ħin biex naħsbu u nirriflettu. Ftit li xejn qed ikollna mumenti li fihom napprezzaw dak li għandna. Mhux qed insibu lanqas ħin biex ingawdu dak li hawn madwarna. Dan mhux pessimiżmu, iżda din hija ir-rejalta li qed ngħixu fiha.

Agħar minn hekk huwa meta ħtija ta' dan kollu ninħakmu minn kilba sfrenata għal flus, minn għira u minn egoiżmu. Niġu naqaw u nqumu minn dawk ta' madwarna. "L-ewwel jien, it-tieni jien, it-tielet jien u jekk forsi jifdal xi ħaġa, tiġi int." Din hija mentalita' li hemm bżonn niġildulha bil-kbir għaliex qiegħeda tgħerri il-valuri tas-soċjeta' tagħna.

Nistħajlukom tistaqsu, dan x'għandu x'jaqqsam ma' Wirt iż-Żejtun? Għandu u kif!

Dan huwa il-kurrent kollu li bħala għaqda irridu naffaċċjaw. L-interess fil-wirt storiku li jdawwarna irid jikkompeti ma' dawn l-interessi kollha li semmejna hawn fuq. Hemm mentalita' x'wieħed jikkumbati. Hemm qoxra iebsa li jeħtieġ nippenetraw. B'kurrenti bħal dawn faċli li l-għajta tagħna ittir mar-riħ, jew kif jgħid il-Malti, "Minn widna tidħoll u mill-oħra toħroġ".

F'din il-ħajja li qed ngħixu taħsbu li n-nies jimpurthom minn dak li ħallewlna missirijietna? Bosta jqisu dan bħala xkiel. Mazzra għall-progress. Morsa għall-iżvilupp.

Taħsbu li b'mentalita' bħal din ser insibu min idaħħal idejh fil-but biex tiġi irrestawrata xi ħaġa li mhux tiegħu? X'ser nakwista? Jistaqsik. X'jimpurtani! Iwieġbek.

Id-determinazzjoni, il-ħeġġa u l-perserveranza. Dawn mingħajr l-appoġġ, il-parteċipazzjoni u l-kliem ta' kuraġġ tal-membri tagħna mhumiex biżżejjed. Huwa inthom il-membri u dawk kollha li jattendu għall-attivitajiet li nor-ganizzaw li iżommu din il-fjamma tixgħel. Inthom l-arma li biha irridu niġġieldu din il-mentalita' miskiena. Inthom il-vuċi li trid tidwi fil-widnejn ta' dawk li baqgħu passivi. Komplu ippparteċipaw f'dak kollu li nagħmlu. Ġibu lil familjari tagħkom, lit-tfal u nepputijiet, ħeġġu lil ħbiebkom jiġu magħkom. Matul is-sena li għandna quddiemna huwa il-ħsieb tagħna li nifirxu aktar l-attivita' tagħna. Żommu ruħkom aġġornati.

**L-GĦID IT-TAJJEB**

## Mixjiet Kulturali

**Matul din is-sena, qed nippjanaw li nagħmlu numru ta' mixjiet kulturali f'inħawi differenti taż-Żejtun, kemm f'dawk urbani kif ukoll rurali.**

***Discovering Bisqallin***



L-ewwel mixja ser tkun repetizzjoni ta' dik li saret f'Marzu tas-sena l-oħra, iżda din id-darba ser issir bil-lingwa Ingliża, dan sabiex nilħqu residenti barranin li jgħixu magħna fiż-Żejtun. Għal din il-mixja għandna konfermata l-attendenza ta' grupp ta' ħaddiema mill-HSBC kif ukoll group ta' membri mill-Friends of the Maritime Museum. Din il-mixja ser issir nhar il-Ħadd 25 ta' Marzu u tibda minn fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali fl-9:45 ta' filgħodu.

***Mixja f'Ħal-Bisbut***

It-tieni mixja ser issir fit-22 t'April fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji Internazzjonali għall-Monumenti u Siti Storiċi organizzata mill-UNESCO. Permezz ta' din il-mixja ser inżuru inħawi differenti f'Ħal-Bisbut jew kif inhu magħruf miż-Żwieten, ir-Raħal ta' Fuq.



***Mixjiet Oħra***

Qed nippjanaw ukoll li matul is-sajf norganizzaw mixja għat-tfal fi triqat iż-Żejtun, filwaqt li għal Ottubru ser norganizzaw mixja fil-kampanja madwar iż-Żejtun.

B'sodisfazzjon ngħidu wkoll li Wirt iż-Żejtun qed tintalab minn għaqdiet u organizzazzjonijiet minn barra iż-Żejtun sabiex norganizzaw żjajjar f'inħawi differenti fiż-Żejtun. Waħda minn dawn iż-żjajjar ser issir f'Mejju għall-membri ta' l-Għaqda Ħbieb tal-Kappelli Maltin. Matul din il-mixja, grazzi għall-koperazzjoni tal-Parroċċa taż-Żejtun ser inżuru diversi kappelli taż-Żejtun.



## Attivita' għat-Tfal

**Nhar it-Tlieta 10 t'April qed nippjanaw l-ewwel attivita' għal din is-sena indirizzata għat-tfal. Din ser tkun marbuta mall-festi tal-Għid u ser issir waqt li t-tfal ikunu bil-vakanzi.**

F'din l-attivita' ser nieħdu lit-tfal għal żjara fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur il-Birgu, hemmek barra li induru il-mużew ta' l-Ettnografija u naraw esebiti marbuta mall-Ġimgħa Mqaddsa, ser nagħtu l-opportunita' lit-tfal jaħdmu xi ħaġa marbuta ma' dawn il-festi u jeħduha magħhom id-dar.

Attivita' bħal din minkejja li ser teħodna il-barra miż-Żejtun, ser tkun qed tgħin lit-tfal jifhmu u japprezzaw aktar it-tifsira ta' tradizzjonijiet li imdawwrin bihom. Il-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid barra li huma ta' importanza kbira għar-reliġjon Nisranija, jinkludu numru ta' tradizzjonijiet, arti u artiġġjanat mxerda fil-knejjes ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Fiż-Żejtun dawn it-tradizzjonijiet imorru l-ura għal ħafna żmien u insibu bosta jipparteċipaw fihom, fosthom numru kbir ta' tfal.

Fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur, Heritage Malta għandha mużew interessanti ħafna marbut mall-wirt etnografiku, iġifieri it-tradizzjonijiet, tal-poplu Malti. Parti minn din l-esebizzjoni hija marbuta direttament ma' tradizzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid. It-tfal ser inkunu qed infehmuhom dwar dawn it-tradizzjonijiet, fosthom ix-xogħol ta' vari fit-tafal. Ser ikollhom il-ħin ukoll jaħdmu ħaruf magħmul mit-tafal u wara li jlestuh jeħduh magħhom id-dar.



Din l-attivita' ser issir nhar it-Tlieta 10 t'April fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu, meta t-tfal ikunu bil-vakanzi ta' l-Għid. Minħabba il-ħtieġa ta' trasport u l-aċċess għal mużew, hemm ħlas ta' €5 marbut ma' din l-attivita'. It-tfal tal-membri u tfal membri fil-Klabb tat-Tfal ser jattendu għal din l-attivita' mingħajr ħlas. **Jekk tixtieq tikteb lit-tfal għal din l-attivita' ibgħatilna email fuq wirtizzejtun@gmail.com jew ċempel fuq 99467775.**

## Għajnuna minn tal-Ħwienet

**Il-kumitat ta' tmexxija ta' Wirt iż-Żejtun fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun qiegħed jav-viċina lill-komunita' kummerċjali fiż-Żejtun sa biex iressaq proposti ta' kif is-sidien tan-negozji jistgħu jgħinu fl-apprezzament tal-wirt li huwa mżejjen bih iż-Żejtun.**



Rajna matul is-snin li għaddew kif attivitajiet li jiġu organizzati matul is-sena jiġbdu ammont ta' nies lejn iż-Żejtun. Barra il-festi b'rabta reliġjuża fosthom il-festa ta' Santa Katarina, il-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Irxoxt insemmu wkoll l-attivita' ta' Żejt iż-Żejtun. F'dawn l-attivitajiet jiġu follol ta' nies fosthom ukoll turisti. Dan l-influs ta' nies f'dawn l-attivitajiet bla dubju jgħinu bil-kbir numru ta' negozji li għandna fostna.

Hija ix-xewqa ta' Wirt iż-Żejtun li tkompli tippromwovi l-apprezzament tal-wirt li għandna fiż-Żejtun u li dan ir-riżors jiġi użat sa biex permezz tiegħu nattiraw aktar viżitaturi lejn beltna, kemm barranin kif ukoll Maltin. Dan mhux fil-festi u attivitajiet li diġa semmejna iżda f'perjodi oħra matul is-sena.

Biex nilħqu dan l-għan Wirt iż-Żejtun għandna bżonn ta' sosten permezz ta' fondi b'mod kontinwu. Bħalissa l-unika sors ta' dħul li għandha din l-għaqda huwa mill-ħlas ta' sħubija tal-membri tagħha stess. Dan is-sors mhux biżejjed biex inkunu nistgħu inwettqu proġetti li għandna. Għalek ħassejna li għandna nitolbu l-għajnuna li komunita' kummerċjali sa biex jissieħbu magħna f'din il-viżjoni li għandna u jgħinuna b'mod finanzjarju. Kull min ikun qiegħed jgħin b'dan il-mod ser inkunu qed nirrikonoxxu dan billi isem il-ħanut tiegħu jitniżżel f'lista apposta fuq is-sit elettroniku tagħna.

**L-għajnuna tiegħek żgħira jew kbira hija apprezzata ħafna. Fiż-Żejtun għadna ħafna biex niftaħru! Nemmnu li kull wieħed u waħda minna għandu jagħti is-sehem biex wirt iż-Żejtun jiġi apprezzat aktar kemm minna kif ukoll mill-barranin.**

**JEKK GĦADEK MA ĦALLASTX IS-SĦUBIJA TIEGĦEK GĦAL DIN IS-SENA**
**NAPPREZZAW JEKK TAGĦMEL DAN BIEX TGĦIN LIL**
**WIRT IŻ-ŻEJTUN**

**Ingħaqad magħna fuq il- facebook**